Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

AVVIŻ TA' TAGĦRIF GĦALL-ISTAMPA

3 ta' Ġunju 2024

**Reviżjoni tal-Punti ta' Riferenza tal-Kontijiet Nazzjonali – Awwissu 2024**

Sa ssir reviżjoni tal-punti ta' riferenza fl-istatistika tal-Kontijiet Nazzjonali, kif maqbul f'livell Ewropew għall-2024. Din ħierġa fit-28 ta' Awwissu 2024, u għalhekk, sa tkun qed issir mal-ħruġ tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) għat-tieni kwart tal-2024. Barra minn hekk, f'Ottubru 2024, l-NSO sa joħroġ il-Kontijiet Mhux Finanzjarji Annwali bis-Setturi Istituzzjonali, li ħa jkunu konsistenti mal-aggregati ewlenin u l-kontijiet ta' kull tliet xhur tal-gvern ġenerali.

Reviżjonijiet tal-punti ta' riferenza jqisu titjib fil-metodoloġija li jkun ġej minn tibdil fil-metodi, il-kunċetti, is-sorsi tad-data, id-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet li jkunu mħaddmin fil-ġbir u l-kumpilazzjoni tad-data.

L-għan ewlieni ta' din ir-reviżjoni tal-punti ta' riferenza huwa t-tirqim tal-istatistika tal-Kontijiet Nazzjonali bid-dħul ta' sorsi ġodda ta' data. Dan it-titjib ikompli jtejjeb ir-reqqa tad-data tal-Kontijiet Nazzjonali u jaħseb ukoll għal tqabbil aħjar tad-data internazzjonali. Din ir-reviżjoni tal-punti ta' riferenza sa twassal għal reviżjonijiet mill-1995 'il quddiem, bit-titjib ewlieni mniżżel hawn taħt:

- L-integrazzjoni tat-Tabelli tal-Provvista u l-Użu (Supply and Use Tables) għas-sena 2019. Dawn huma sors siewi ta' data li jipprovdu qafas integrat għall-verifika tal-konsistenza u l-kompletezza tad-data tal-kontijiet nazzjonali. Dawn it-tabelli, li huma organizzati skont il-prodott u l-industrija li juru kif il-provvista ta' oġġetti u servizzi permezz tal-produzzjoni domestika u l-importazzjoni jintużaw għall-konsum intermedju u l-użu finali (in-nefqa fuq il-konsum finali, il-formazzjoni ta' kapital gross u l-esportazzjoni);
- L-integrazzjoni taċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar tal-2021, li jagħti statistika fid-dettall dwar id-demografija u d-djar;
- L-integrazzjoni tar-riżultati tal-2020 u l-2021 tal-Istatistika Strutturali tan-Negozju (SBS). Dawn huma mogħtijin skont il-klassifikazzjoni tal-attività tan-NACE u jkopru l-industrija, il-kostruzzjoni u l-biċċa l-kbira tas-servizzi. L-SBS jinkludi sett ta' varjabbli dwar id-demografija tan-negozju u l-karatteristiċi tal-impjieg, kif ukoll varjabbli li għandhom x'jaqsmu mal-flus (pereżempju, id-dħul u n-nefqa marbuta ma' indikaturi bħall-valur miżjud u l-investiment). Mill-2020, fil-firxa tal-SBS żdiedu 9 Diviżjonijiet tan-NACE[1] marbutin mas-servizzi personali;
- L-integrazzjoni ta' punti ta' azzjoni u riżervi mill-verifikazzjonijiet tar-Riżorsi Proprji (RP) tad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) u tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (EDP);
- L-introduzzjoni tan-nefqa tal-familji fuq il-konsum finali msejsa fuq il-klassifikazzjoni l-ġdida tal-COICOP[2] 2018;

[1] NACE 85, 86, 87, 88, 90, 91, 92, 93 u 96
[2] Klassifikazzjoni tal-konsum individwali bil-għan

- Id-dħul fis-seħħ tar-rakkomandazzjonijiet tat-task force dwar l-assi fissi u l-istima tal-konsum tal-kapital fiss;
- Tagħrif ġdid dwar il-qasam tal-Attivitajiet tal-logħob tal-azzard u tal-imħatri minn sorsi ta' data amministrattiva aġġornati għas-snin 2016-2018;
- Metodoloġija ġdida fil-kumpilazzjoni ta' Entitajiet bi Skop Speċjali (SPE), flimkien ma' sorsi ta' data amministrattiva aġġornati għas-snin 2014-2021;
- L-integrazzjoni ta' fondi tal-pensjonijiet mill-2012 'il quddiem;
- L-integrazzjoni ta' stimi ġodda għall-kompletezza minn serje kronoloġika sħiħa;
- L-irfinar fil-ħruġ tal-pagi f'għamla ta' oġġetti u t-tqassim tal-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem f'kontribuzzjonijiet soċjali reali u imputati għas-serje kronoloġika kollha;
- L-irfinar fl-istima tad-dħul primarju riċevibbli/pagabbli minn/lejn il-bqija tad-dinja, li b'hekk jirriżulta f'irfinar tat-tranżizzjoni tal-PDG lejn id-DNG;
- L-irfinar fl-istimi tal-impjiegi f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet il-ġodda tal-Eurostat;
- Għall-ewwel darba, l-NSO sa joħroġ l-aggregati ewlenin tal-kontijiet nazzjonali trimestrali f'termini nominali għall-perjodu 1995-1999, kif ukoll il-kontijiet mhux finanzjarji annwali bis-setturi istituzzjonali għall-perjodu 1995-2023.